MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tad-29 ta' April, 2013

Appell Kriminali Numru. 61/2013

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Ganka Dankova**

Il-Qorti,

Rat l-akkuża dedotta kontra l-appellanti [detentriċi ta' Passaport Bulgaru numru 605590586] quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli

1. f'dawn il-gżejjer, nhar il-31 ta' Jannar, 2013, għall-ħabta tal-11:00 ta' filgħodu, ġewwa l-Belt Valletta, ikkommettiet serq ta' kartiera, flus kontanti, credit cards u dokumenti liema serq huwa kkwalifikat bil-valur u dan ghad-detriment ta' Tereża Cachia, bi ksur ta' artikoli 284, 42(d) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Akkużata talli f'dawn il-gżejjer, nhar il-31 ta' Jannar, 2013, ghall-habta tal-11:15 ta' filghodu, minn gewwa

stabbiliment Peacoks fil-Belt Valletta, ikkommettiet serq ta’ kartiera, flus kontanti, credit cards u dokumenti liema serq huwa kkwalifikat bil-valur u dan ghad-detriment ta’ Giovanna Galea, bi ksur ta’ artikoli 261(c), 42(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

3. Akkuzata talli f’dawn il-gzejjer, nhar il-31 ta’ Jannar, 2013, ghall-habta tal-11:45 ta’ filghodu, gewwa l-istabbiliment Promod sitwat fi Triq ir-Repubblika Belt Valletta, ikkommettiet serq ta’ kartiera u flus kontanti liema serq huwa kkwalifikat bil-valur u dan ghad-detriment ta’ Helen Mary Bonnici, bi ksur ta’ artikoli 261(c), 42(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

4. Akkuzata talli nhar it-30 ta’ Jannar, 2013, ghall-habta tal-5.30pm minn gewwa Triq ir-Repubblika, l-Belt Valletta, ikkommettiet serq ta’ kartiera u flus kontanti, u dan ghad-detriment ta’ Cody Gale Grech, bi ksur ta’ artikoli 284, 42(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

5. Akkuzata ukoll talli nhar it-30 ta’ Jannar, 2013, ghall-habta tal-11:30 ta’ filghodu, minn gewwa stabbiliment Peacoks fil-Belt Valletta, ikkommettiet serq ta’ flus kontanti, kartiera u credit cards u dokumenti liema serq huwa kkwalifikat bil-valur u dan ghad-detriment ta’ Hazel Jessie ta’ nazzjonalita Ingliza, bi ksur ta’ artikoli 284, 42(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

6. Akkuzata talli nhar it-30 ta’ Jannar, 2013, ghall-habta tas-1:30 ta’ wara nofsinhar, minn Triq ir-Repubblika Belt Valletta, ikkommettiet serq ta’ flus kontanti u kartiera liema serq huwa kkwalifikat bil-valur u dan ghad-detriment ta’ Barbara Markowski ta’ nazzjonalita Germaniza, bi ksur ta’ artikoli 261(c), 42(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

7. Akkuzata talli nhar it-30 ta’ Jannar, 2013, ghall-habta tas-12:10 ta’ wara nofsinhar, minn Triq Nofsinhar Belt Valletta, ikkommettiet serq ta’ flus kontanti u kartiera u dan ghad-detriment ta’ Rita Fenech, bi ksur ta’ artikoli 261(c), 42(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

8. Akkuzata talli f'dawn il-gzejjer, nhar it-30 ta' Jannar, 2013, ghall-habta tal-10:30am, minn gewwa Triq ir-Repubblika l-Belt Valletta, ikkommettiet serq ta' kartiera, flus kontanti u dokumenti liema serq huwa kkwalifikat bil-valur u dan ghad-detriment ta' Nicolina Agius, bi ksur ta' artikoli 284, 42(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

9. Akkuzata talli nhar it-30 ta' Jannar, 2013, ghall-habta tal-11:30am, minn gewwa l-istabbiliment Dorothy Perkins sitwat fi Triq ir-Repubblika l-Belt Valletta, ikkommettiet serq ta' kartiera, flus kontanti u dokumenti u dan ghad-detriment ta' Anonia Ellul, bi ksur ta' artikoli 284, 42(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

10. Akkuzata talli nhar id-29 ta' Jannar 2013, ghal habta tal-12:30pm, minn gewwa Triq ir-Repubblika l-Belt Valletta, ikkommettiet serq ta' kartiera, flus kontanti u dokumenti liema serq huwa kkwalifikat bil-valur u dan ghad-detriment ta' Rita Seychelle, bi ksur ta' artikoli 284, 42(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-2 ta' Frar, 2013, li biha wara li rat l-artikoli 18, 42(d), 284, 261(c), 267, 279(a), 17(h) u (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li lliberat lill-appellanti mil-akkuza tar-recidiva billi din ma gietx ippruvata u l-fedina penali tal-appellanti hija nadifa, sabitha hatja tal-kumplament u kkundannataha ghall-piena ta' sitt (6) xhur prigunerija.
Finalment il-Qorti ordnat li kopja tas-sentenza flimkien mal-atti tintbaghat lill-Avukat Generali skond il-ligi.

Rat ir-rikors tal-appellanti minnha pprezentat fit-13 ta' Frar, 2013, li bih talbet li din il-Qorti joghgobha tilqa` dan l-appell fis-sens illi tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena, billi minflok tinfliggi piena aktar gusta u ekwu ghall-kaz odjern.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant huwa s-segwenti w cioe':-
Illi l-piena inflitta fuq l-esponenti kienet wahda harxa tenut kont tac-cirkostanzi u cioe

Illi fl-ewwel lok, l-esponenti umilment jissottometti illi l-fedina penali hija nadifa kif ukoll il-fatt li giet registrata ammissjoni bikrija u l-istess esponenti kkoperat mal-Pulizija fejn anki rritornat parti mill-flus lill-vittmi u hija disposta tirritorna l-kumplament tal-flus.

Illi fit-tieni lok, sussidjarjament u minghajr pregudizzju, b'riferenza ghall-piena inflitta l-esponenti tirrileva illi fic-cirkostanzi hija wahda eccessiva fejn l-appellanti taghmel referenza ghas-sentenza "Il-Pulizija vs Stephen Spiteri" (Qorti tal-Appelli Kriminali 22.09.1993), il-kuncett ta' "crime does not pay" m'ghadux applikabbli fiz-zminijiet tal-lum. Illum il-gurnata l-iskop ta' piena mhux biss dak ta' deterrent jew retribuzzjoni, izda ta' riabilitazzjoni, u l-esponenti umilment tirrileva li fil-kaz odjern, il-Qorti tal-Magistrati ma haditx in konsiderazzjoni dan il-principju. L-esponenti umilment tirrileva li l-piena inflitta mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) hija wahda eccessiva u harxa, partikolarment tenut kont ta' l-ammissjoni bikrija quddiem l-Ewwel Qorti da parti ta' l-esponenti, l-fedina penali tal-istess u l-agir tal-esponenti li ppruvat tirranga ghal hsara li saret billi ghaddiet parti mill-flus. L-esponenti tghix ma' zewgha u t-tlett ulieha fil-Bulgarija u tenut kont ic-cirkostanzi tal-kaz, piena karcerarja fl-umli fehma tal-esponenti ma hijiex wahda idoneja. Illi taht l-artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti ghandha l-fakolta` illi tapplika sentenza sospiza minflok habs effettiv u tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, fl-umli fehma tal-esponenti sentenza sospiza tkun piena iktar xierqa.

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur.

Ikkonsidrat

Dan l-appell huwa dwar il-piena li l-appellanti qed tgħid li hija eċċessiva. Fi ftit kliem, l-appellanti qed tissottometti li hija tgħix ma’ żewġha u t-tliet uliedha fil-Bulgarija u tentu kont taċ-ċirkostanzi tal-każ, piena karċerarja ma hix waħda idonea.

Il-Qorti eżaminat l-imputazzjonijiet li huma għaxra b’kollox. Dawn huma sensiela ta’ pickpocketing li saru fuq firxa ta’ tlitt ijiem – bejn id-29 ta’ Jannar 2013 u l-31 ta’ Jannar 2013.

Sebgħa minn dawn l-imputazzjonijiet għandhom il-gravanti tal-valur. Dan ifisser li japplika l-artikolu 279 tal-Kap 9 li jipprospetta piena ta’ bejn ħames xhur u tliet snin priġunerija. Jekk wieħed jikkonsidra dawn is-seba’ imputazzjonijiet, mingħajr ma jikkonsidra t-tlieta l-oħra li huma ta’ serq sempliċi, u japplika l-artikolu 18 tal-Kap 9 b’żewġ gradi l-minimum ikun ta’ disa’ (9) xhur u l-massimu jitla’ għal ħames (5) snin.

Din il-Qorti ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati jekk il-piena mogħtija tkun fil-parametri tal-liġi.

Il-Qorti nnutat li l-Qorti tal-Maġistrati għamlet il-konsiderazzjonijiet tagħha fid-dettal. Filfatt hija qalet dan li ġej:

*‘Illi meta tiġi biex tqis il-piena li għandha tiġi inflitta, l-Qorti ser tieħu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputata, il-koperazzjoni tagħha mal-pulizija u l-fatt illi xi flus ġew ritornati u ser jiġu mgħoddija lill-vittmi, iżda ma tistax tinjora l-fatt illi l-imputata hija akkużata b’aktar minn inċident wieħed ta’ serq.’*

Din il-Qorti għandha l-istess problema bħall-Qorti tal-Maġistrati. Tassew li l-fedina penali tal-appellanti hija waħda nadifa, iżda għaxar imputazzjonijiet huma ħafna. U l-piena li imponiet l-Ewwel Onorabbli Qorti żgur li mhix

xi waħda eċċessiva għax prattikament hija l-minimum possibbli.

Dan ma kienx każ ta' xi ħadd li wettaq serqa waħda iżda din kienet sensiela ta' serqiet fi żmien tassew qasir. Barra dan, il-Qorti trid tqis ukoll is-serħan tal-moħħ taċ-ċittadin li jkun għaddej mit-triq għall-affari tiegħu u f'daqqa waħda jsib ruħu misruq. Żgur li mhix esperjenza li wieħed jieħu gost biha. Fuq kollox, dan huwa reat li qed isir komuni ħafna.

Għaldaqstant il-Qorti qed tiċħad l-appell u qed tikkonferma s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati fl-ismijiet premessi fit-2 ta' Frar 2013.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------